MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 352/2012

**Giuseppa sive Josephine Camilleri (ID 112024M)**

***kontra***

**John Camilleri (ID 448351M) u martu Antonia sive Antoinette Camilleri (ID 398456M) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` April 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-attrici, li llum ghandha tmienja u tmenin (88) sena, hija omm il-konvenut John Camilleri. Il-konvenuta Antoinette Camilleri hija mart l-istess konvenut John Camilleri.*

*2. Illi l-konvenut b`qerq, dolo u in mala fede approprija ruhu ngustament u llegalment mill-proprjeta` tal-attrici, kemm il-proprjeta` mmobbli taghha kif ukoll il-flus taghha, u minhabba dan l-agir illegali, abbuziv u qarrieqi tal-konvenut l-attrici sabet ruhha fi xjuhitha b`xejn.*

*3. Illi in fatti xi xhur wara l-mewt ta` ohtha Liza Pace, l-attrici saret taf illi fl-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea (Dok. GC1) fejn tnizzel li l-attrici ghamlet donazzjoni rrevokabbli lill-konvenut John Camilleri tas-sehem taghha f`diversi proprjetajiet immobbli, inkluz fir-residenza taghha stess, kif jirrizulta mill-istess kuntratt, li permezz tieghu l-konvenut John Camilleri akkwista l-proprjeta` mmobbli tal-attrici.*

*4. Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha kif trid il-ligi ghal dina d-donazzjoni tal-proprjeta` mmobbli taghha lill-konvenut John Camilleri, u lanqas biss kienet taf bl-ezistenza ta` dan il-kuntratt ta` donazzjoni, u l-imsemmi att ta` donazzjoni sar b`dolo u qerq ipprattikat mill-konvenut John Camilleri ma` ohrajn, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi dakinhar tal-kuntratt l-attrici kienet giet mehuda ghand in-Nutar mill-konvenut li kien qalilha tohrog mieghu sabiex "tikteb kelmtejn", u meta kienet fl-ufficcju tan-Nutar intalbet taghmel testment. Jirrizulta li sar mhux biss testment, li diga` kien redatt u li l-kontenut tieghu ma giex spjegat lilha, izda wkoll il-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi. L-attrici fl-ebda waqt ma tat struzzjonijiet li hija xtaqet taghmel kuntratt ta` donazzjoni u lanqas ma gie*

*spjegat jew moqri lill-attrici illi hija kienet qed tittrasferixxi matul hajjitha l-proprjeta` immobbli taghha, inkluz sehemha fid-dar ta` residenza taghha stess, versu l-konvenut John Camilleri.*

*6. Illi l-istess agir abbuziv u llegali da parti tal-konvenut twettaq ukoll sabiex tittiehed il-proprjeta` ta` oht l-attrici Caterina Pace, u fil-fatt diga` ttiehdu proceduri gudizzjarji mill-istess Caterina Pace permezz tar-Rikors Guramentat Numru 203/2012 fl-ismijiet Caterina Pace vs John Camilleri et.*

*7. Illi ghalhekk il-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt fuq imsemmi tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea (Dok. CP1) kien vizzjat b`qerq u huwa nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*8. Illi billi l-attrici qatt ma kellha intenzjoni li taghti donazzjoni tal-proprjeta` immobbli taghha, u lanqas kienet taf li qed taghti b`donazzjoni rrevokabbli l-proprjeta` taghha, inkluz sehemha fir-residenza taghha stess, lill-konvenut, il-kunsens tal-attrici huwa wkoll vizzjat bi zball u huwa ghalhekk invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*9. Illi dak li sar huwa wkoll bi ksur tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*10. Illi apparti minn hekk, bis-sahha ta` prokura lilu moghtija l-istess konvenut abbuzivament gibed mill-kont bankarju tal-attrici bin-numru 044-076545-050 mal-Bank HSBC Bank Malta plc is-somma ta` tlettax-il elf euro (EUR 13,000) minghajr il-kunsens u r-rieda tal-attrici u misapproprija tali somma, u qed jirrifjuta li jirritorna dina s-somma lill-attrici minkejja li gie debitament interpellat anki*

*b`ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (Dok. GC2) u ohra tal-4 ta` Awissu 2011 (Dok. GC4).*

*11. Ili fl-ittra ufficjali tieghu tat-22 ta` Lulju 2011 (Dok. GC3) il-konvenut John Camilleri diga` ammetta li ha din is-somma ta` tlettax-il elf euro (EUR 13,000) minghand l-attrici izda qed jippretendi li ghandu d-dritt izommha bhala kumpens ghal servigi rezi minnu lil ommu, liema kumpens pero` bl-ebda mod ma huwa dovut.*

*12. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza stante illi l-konvenut qed jirrifjuta li jikkonsenja lura lill-attrici dak kollu li ha minghandha llegalment kif fuq premess.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex-*

*i. Tiddikjara illi l-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dok. GC1) li permezz tieghu l-konvenut akkwista l-proprjeta` immobbli tal-attrici kien vizzjat b`qerq da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici jew moghti bi zball li jinvalida l-kunsens tal-attrici fuq l-istess kuntratt ;*

*ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dok. GC1) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;*

*iii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dok. GC1) huwa wkoll null u bla*

*effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta) billi sar bi ksur tal-procedura sancita fil-provvedimenti tal-istess Att ;*

*iv. Tordna ghalhekk ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dok. GC1) ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tiffissa jum,hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta` rexxissjoni ;*

*v. Tahtar ghalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta` rexxissjoni u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta` rexxissjoni ;*

*vi. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma debituri tal-attrici fl-ammont ta` tlettax-il elf euro (EUR 13,000) jew somma verjuri rapprezentanti flejjes tal-attrici li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirritornaw lill-attrici minghajr raguni valida ;*

*vii. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dina s-somma ta` tlettax-il elf euro (EUR 13,000) jew somma verjuri ;*

*Bl-imghax legali fuq is-somma ta` tlettax-il elf euro (EUR 13,000) mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (Dok. GC2) u bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (Dok. GC2) u tal-ittra ufficjali tal-4 ta` Awissu 2011 (Dok. GC4) u tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b`rizerva ta` kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-14 ta` Mejju 2012 li taqra hekk –

*1. Fl-ewwel lok in-nullita` tal-azzjoni odjerna stante li l-fakultajiet mentali tal-attrici Giuseppa sive Josephine Camilleri mhumiex tali li jippermettulha li tistitwixxi proceduri legali jew li tressaq personalment u validament xi forma ta` talba gudizzjarja u kwindi li tifhem tali proceduri, li tikkonferma l-atti relattivi bil-gurament taghha u li ssegwi l-istess u dan in vista tal-kundizzjoni medika taghha li zviluppat ricentement. Effettivament, wara l-isem tal-attrici jinsabu jistahbew hut l-intimat John Camilleri u zwieghom li permezz ta` din l-azzjoni qeghdin jintentaw li jhassru dawk l-atti kollha validament konkluzi kif ukoll dak kollu li ghamlet l-attrici mal-intimat John Camilleri meta din kien ghad kellha l-fakultajiet mentali taghha kif mehtieg mil-ligi ghall-validita` tal-atti relattivi.*

*2. Illi l-konvenut ma ezercita ebda qerq, dolo jew 'mala fede' fil-konfront ta` ommu tant illi lanqas fl-istess rikors guramentat ma ssir ebda referenza ghal-liema rapprezentazzjonijiet foloz, artifizi frawdolenti, u raggiri gravi u determinanti gew imwettqin mill-intimat b`qerq tal-istess attrici u kif inhu mehtieg ghas-success ta` tali kawzali ta` nullita`. Fil-fatt kienet l-istess attrici li talbitu kemm-il darba sabiex imorru ghand Nutar bil-ghan li tikkonkludi d-donazzjoni li issa qed tigi attakkata u kienet kuntenta meta ghamlet dan. Ma jistax ikun li l-attrici skopriet biss ricentement li ghamlet dan il-kuntratt u dan ghaliex, kif jinghad hawn fuq, kienet hi li riedet tikkonkludi tali kuntratt u f`dan ir-rigward gie sahansitra ngaggjat l-ufficcju tan-Nutar li solitament jippubblika l-atti ghall-attrici u ghal hutha.*

*3. Illi lanqas ma jezisti ebda zball da parti tal-attrici fil-mod illi din iddiportat ruhha fil-konfront tal-intimati, wisq anqas xi zball li huwa sostanzjali, skuzabbli u determinanti li jirrendu l-kuntratt ta` donazzjoni null u bla effett.*

*4. Illi lanqas ma jezisti ebda nuqqas ta` forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-kuntratt ta` donazzjoni wiehed null u bla effett. Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta) gew ukoll skrupolozament segwiti min-Nutar li ppubblika l-att.*

*5. Illi lanqas ma tezisti ebda raguni li tiggustifika r-restituzzjoni ta` kwalunkwe flus moghtija mill-attrici lill-intimat u dan peress illi tali somma tirrapprezenta hlas u kumpens ghas-servigi rezi mill-intimati lejn l-istess attrici u kif ukoll in kumpens tal-ispejjez inkorsi mill-istess intimati f`isem l-istess attrici u a beneficcju esklussiv taghha u dan kif validament koncess mill-istess attrici fiz-zmien relattiv qabel ma kienet mardet mentalment, inkluz iz-zmien kollu li damet residenti ghand il-mittenti wara li bintha Mary Grace Catania u sussegwentement uliedha l-ohrajn kollha rrifjutaw li jzommuha maghhom. Qatt qabel l-ittra ufficjali datata 4 ta` Awwissu 2011 ma gew l-intimati mitlubin mill-attrici personalment sabiex jirrifondu xi somma ta` flus, dan minkejja l-fatt li l-esponenti baqa` jzurha regolarment u jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha ukoll meta din giet rikoverata f`dar tal-anzjani.*

*6. Illi effettivament l-attrici ghamlet zmien tghix mal-intimati u l-intimati kienu ilhom ghal zmien twil qabel dan jiehdu kura taghha. Il-problemi bdew jinqalghu ghaliex hut l-intimat John Camilleri u zwieghom ma bdewx japprezzaw il-mod li bih l-attrici kienet qed tagixxi fil-konfront ta` binha li kien spicca l-uniku iben li kien qed jiehu hsieb lil ommu. Kienu nqalghu incidenti ta` tghajjir u theddid anke fl-isptar u fil-konfront tal-intimati u anke ta` binthom l-Ispizjara Eliza Camilleri dan kif konfermat ukoll*

*mir-rapporti relattiv maghmul mill-intimat (Dok. 'A', 'B' u 'C' hawn annessi). Sussegwentement, anke meta l-attrici giet rikoverata f`dar tal-anzjani l-intimati baqghu wkoll jaghtuha l-kura kollha mehtiega, dan sakemm oht l-intimat Mary Grace Catania kienet hadet lill-attrici mill-istess dar tal-anzjani u ma rritornathiex hemmhekk minkejja li l-kundizzjonijiet li tbati bihom l-attrici huma gravi u jehtiegu kura kontinwa. F`dan ir-rigward l-intimat kien anke ghamel rapport fi hdan l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'D').*

*7. Illi fir-rigward tal-kawza allegatament istitwita wkoll minn Caterina Pace, l-esponenti jirrizervaw li jwiegbu ghat-talbiet hemmhekk kontenuti fl-atti ta` dik il-kawza.*

*8. Illi fi kwalunkwe kaz l-intimati m`ghandhom x` jirritornaw xejn lill-attrici u lanqas ma jezistu ebda ragunijiet li ghalihom il-kuntratt ta` donazzjoni relattiv jista` jigi dikjarat null u bla effett ai fini u effetti tal-ligi.*

*9. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*10. Illi l-eccezzjonijiet tal-esponenti qeghdin jigu mressqin ilkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat illi skond il-verbal tal-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 kellha tkun trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-attrici u ta` Caterina Pace fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda tan-Nutar Dr. Mariella Mizzi, tan-Nutar Dr. George sive` Jurgen Galea u tal-konvenuti fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2012.

Semghet ix-xhieda tal-Professur Dr Anthony Zammit, tat-Tabib Psikjatra Dr Anthony Dimech, tat-Tabib Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino, tat-Tabib Dr Godfrey Farrugia, ta` l-Av. Anthia Zammit u tal-Av. Paul Cachia fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta` Robert Tonna fl-udjenza tas-27 ta` Settembru 2012 u rat id-dokumenti li x-xhud ipprezenta fl-istess udjenza.

Semghet ix-xhieda tan-Nutar Dr. Mariella Mizzi u tan-Nutar Dr. George sive` Jurgen Galea fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2012.

Rat ix-xhieda bl-affidavit tal-konvenuti.

Semghet il-kontroezami tal-konvenuti fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2012.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta t-Tabib Ewlieni tal-Gvern fis-26 ta` Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda tal-Av. Brigitte Gafa` fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 2013 u rat id-dokument li x-xhud ipprezentat fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta t-Tabib Ewlieni tal-Gvern fis-17 ta` April 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta` April 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi u risultanzi</u>**

Riassunt tal-*medical history* tal-attrici, kif tohrog anke mill-provi ta` natura medika li tressqu sal-lum, inkluz id-Dok BG1, tirrizulta fil-parti medika tar-rapport tas-*social worker* datat 18 ta` Jannar 2011 li jghid hekk –

*She suffers from Ischaemic Heart Disease, Congestive Heart Failure, Hypertension, Epilepsy and Herpes Zoster Opthalmicus. Ms. Camilleri underwent Splenectomy, Nephrectomy following the diagnosius of Renal Cell Carcinoma and amputation of two fingers left upper limb post Meningitis. She has a past history of Deep Vein Thrombosis, Pulmonary Embolism, Appendicectomy and Cholecsysectomy. Josephine has frequent admissions to hospital due to her illnesses. Few weeks ago she was admitted to Mater Dei Hospital following a fainting episode that resulted in Head Injury.*

Mill-provi li ngiebu a konjizzjoni ta` din il-Qorti, ma jirrizultax li l-attrici rceviet kura ghal mard mentali. Anzi kull tabib u specjalista li xehed fil-kawza tal-lum, apparti persuni ohra, kien f`qaghda li jaccerta lill-Qorti li l-attrici taf x`inhi taghmel, kienet f`qaghda mentali tajba li tipprezenta din il-kawza u kienet taf ukoll ghala ghamlet il-kawza.

L-Ispecjalista Prof Dr Anthony Zammit xehed illi l-attrici kienet pazjenta regolari tieghu. L-ahhar li nvistaha kien fis-6 ta` Gunju 2012. Ghalkemm dakinhar li raha, il-vista ma kienitx ghal ragunijiet relatati ma` sahha mentali, ix-xhud kien f`qaghda li jafferma illi mentalment l-attrici kienet lucida u kellha awtonomija ta` decizjoni u ben orjentata. Anke meta sa sentejn qabel kellu bzonn joperaha, dejjem kienet hi li tat il-kunsens biex jipprocedi. Iddeskriva lill-attrici bhala persuna li tghix hajja semplici pero` ghax hekk hu tiffrekwenta l-*universita` tat-triq.* Skond Prof Zammit, *simple people can have very good knowledge* u l-attrici hija wahda minn dawn in-nies.

It-Tabib Psikjatra Anthony Dimech hareg certifikati medici dwar il-qaghda mentali ta` l-attrici : l-aktar rilevanti kien dak li hareg fit-2 ta` April 2012 (Dok GC6), u cioe` lejliet il-prezentata tar-rikors guramentat odjern. Huwa accerta lill-Qorti li l-attrici kienet *compos mentis.* Ic-certifikat tat-2 ta` April 2013 ma jhallix dubju : *Mrs Josephine Camilleri`s executive functions are not impaired. She has capacity to file a court case and tells me that she intends to do so.* U l-kawza kienet dik propju tal-lum. Ftit anqas minn sena qabel, l-attrici riedet taghmel l-istess. Infatti fic-certifikat tieghu tal-4 ta` Awissu 2011 (Dok A) Dr Dimech jghid : *She is fully capable of instituting a legal claim and affecting judicial acts. She tells me she intends to go to court to claim her property, assets and money from her son Ganni Camilleri.*

Ix-xhieda tat-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino ma setghetx titfa` wisq dawl fuq il-kwistjoni sollevata fl-ewwel eccezzjoni ghaliex ic-certifikat li hareg

fis-17 ta` Gunju 2010 (Dok C) ghalkemm ikkonferma l-kontenut tieghu kien jittratta biss il-kapacita` tal-attrici li taghmel testment. Skond Dr Vella Baldacchino, l-assessment tal-kapacita` li taghmel atti ohra tal-hajja civili kien jirrikjedi ezamijiet klinici aktar mirati u specifici li fil-kaz tal-attrici ma kienx ghamel.

It-Tabib Dr Godfrey Farrugia kien il-GP tal-attrici ghal hafna snin. U kien jaf tajjeb kemm lilha kif ukoll il-familja kollha. Huwa xehed illi kien invistaha fis-sitt gimghat precedenti l-21 ta` Gunju 2012. Huwa accerta lill-Qorti li l-*cognitive state* tal-attrici kien tajjeb u li kienet taf x`inhi taghmel.

Xehdu wkoll id-difensuri tal-atturi Dr. Anthia Zammit u Dr Paul Cachia li fissru lill-Qorti kif iltaqghu mal-attrici, kif fissritilhom il-problemi li nqalghu mal-konvenuti u d-determinazzjoni taghha (mhux ta` haddiehor) li tfittex drittijietha permezz tal-kawza tal-lum.

Fix-xhieda taghhom, in-Nutara Dr Mariella Mizzi u Jurgen Galea ma dahlu b`ebda mod fil-kwistjoni tal-kawza bejn il-partijiet u l-*issue* partikolari li qeghda tigi trattata fl-ewwel eccezzjoni. Dr Mizzi xehdet b`mod generali dwar il-qaghda tal-attrici u ma stqarret xejn avvers aktar milli li hawn si trattava ta` persuna anzjana : *punto e basta*. Min-naha tieghu Dr Galea xehed dwar il-kuntratt tal-14 ta` Gunju 2010. Qal illi wara dak il-kuntratt ma kienx rega` ra lill-attrici. Talab li l-kuntratt ikun akkumpanjat minn certifikat mediku *ex abundante cautele.* Stqarr illi bic-certifikat b`kollox li kieku kellu dubju dwar is-sahha mentali tal-attrici ma kienx jippubblika l-kuntratt.

Xehdu wkoll il-konvenuti dwar l-qaghda ta` sahha tal-attrici in partikolari meta jaghtuha *epileptic fits*. Fix-xhieda tal-konvenuti, il-Qorti mhijiex tara prova ta` inkapacita` tal-attrici li tistitwixxi din il-kawza. L-enfasi tal-

konvenuti bix-xhieda taghhom tinvesti aktar il-mertu milli l-eccezzjoni.

Din il-Qorti ukoll semghet lill-attrici tixhed quddiemha *viva voce* u kwindi tista` tifhem u tizen ahjar il-kumpless tal-provi li tressqu dwar l-ewwel eccezzjoni.

Skond l-**Art 787(1) tal-Kap 12**, *kull att gudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaci li toqghod f`kawza u li ma tkunx awtorizzata regolarment ghaldaqshekk huwa null.*

Din id-disposizzjoni trid tinqara flimkien mal-**Art 788 tal-Kap 12** li tghid illi *d-difett tan-nullita` jigi rrimedjat jekk ... jew il-kuratur, illi jidher minn rajh jew ghax imsejjah fil-kawza, japprova l-atti.*

**Ghall-fini tal-eccezzjoni kif dedotta, il-kwistjoni kollha hi jekk fit-3 ta` April 2012 – data tal-prezentata tar-rikors guramentat – kienitx l-attrici *persuna inkapaci li toqghod f`kawza.* L-assjem tal-provi juri li l-attrici ma kienitx persuna nkapaci. Lanqas ma kienet ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-allegazzjoni tal-konvenuti (li taghmel parti mill-istess eccezzjoni) illi meta pprezentat il-kawza, l-attrici kienet persuna nkapaci, ghaliex kienet istigata minn hut il-konvenut biex twaqqa` l-atti kollha li ghamlet mal-konvenut fiz-zmien meta kellha l-kapacita` li taghmel dawk l-atti.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------